MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Ottubru 2016

Rikors Maħluf Numru: 781/14 LM

**Julia Ruth Farrugia ġia Palmier (ID 47668(M))**

**vs.**

**Carmel sive Charles Palmier (ID 600459(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attriċi **Julia Ruth Farrugia ġia Palmier** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi") ippreżentat fid-9 ta' Settembru, 2014, li jaqra hekk:

*Illi permezz ta' att ta' separazzjoni tat-30 ta' April, 2014 fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Debono l-partijiet isseparaw personalment Dok A;*

*Illi fost il-kundizzjonjiet li qablu fuqhom il-kontendenti, fuq l-att imsemmi, kien hemm dawk kontenuti fl-artikolu sitta ittra 'B' paragrafu numru ħamsa u sitta [6B (v) u (vi)] li tirrigwardja investiment li huma kellhom mal-istituzzjoni finanzjaraja MSV LIFE plc ossia l-polza numru: tnejn, erbgħa, tnejn, disgħa zero (2,4,2,9,0) marbuta ma' home loan, illum magħluq, mal-Bank HSBC Bank (Malta) plc. numru: wieħed, erbgħa, wieħed, sebgħa disgħa zero, tnejn, tlieta (1,4,1,7,9,0,2,3);*

*Illi ai termini tal-istess artikolu l-partijet qablu li din kellha tingħalaq mhux aktar tard minn ġimgħa wara l-pubblikazzjoni tal-att ta' separazzjoni;*

*Illi l-esponenti għandha kull interess li tonora din l-obbligazzjoni u dan billi l-premia tal-polza qed jiġi addebitat mill-kreditu li huma għandhom bħala tfaddil fl-imsemmija polza, kreditu ammontanti għal ċirka tnax-il elf Euro (12,000) u dan b'detriment u telf għar-rikorrenti li jaħti għalih l-intimat minħabba nuqqas ta' tħaris tal-obbligi kuntrattwali tiegħu;*

*Illi apparti d-diversi interpellazzjonijiet u talbiet verbali tar-rikorrenti lill-intimat dan baqa' inadempjenti u saħansitra nhar it-18 ta' Lulju, 2014 marru flimkien fl-uffiċini tal-MSV LIFE plc. biex jitterminaw il-polza u l-intimat għall-ebda raġuni valida rrifuta li jagħmel u telaq mill-uffiċċju mingħajr ma ta istruzzjoni li l-polza kellha tingħalaq;*

*Illi minn dik il-ġurnata l-intimat qatt ma reġa' kellimha jew wieġeb għall-interpellazzjonijiet;*

*Illi di più skont l-istess att, preċiżament artikolu sitta paragrafu tmienja [6(viii] l-intimat assuma l-obbligu li kellu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż u b'mod esklussiv sal-14 ta' April, 2014 għal dak li għandu x'jaqsam fost l-oħrajn il-Home Loan;*

*Illi minkejja dan meta ġie addebitat l-premium tal-polza li kienet marbuta mal-istess Home Loan dawn għall-perijodu relattiv sal-14 ta' April, 2014 inqatgħu minn sehem il-mittenti wkoll bil-kontra ta' dak maqbul fuq l-att ta' separazzjoni u b'hekk soffriet telf li huwa indebitu skond il-ftehim li jirregola l-kontendent;*

*Illi għalhekk jeħtieġ li ai fini tal-att li jirregola s-separazzjoni personali tagħhom l-polza fuq imsemmija tiġi terminata, jitħallsu l-ispejjeż minn min hu obbligat li jħallashom u jiġu likwidati u mħallsa danni li r-rikorrenti soffriet minħabba li l-intimat mingħajr raġuni baqa' li jirrifjuta li jagħmel;*

*Illi għalhekk kellka ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha: -*

1. *Tiddikjara u Tordna lill-intimat sabiex ai termini tal-att ta' separazzjoni personali tat-30 ta' April, 20I4 għandu jittermina l-polza li huwa għandhom maI-MSV LIFE plc, numru: 24290 u dan fi żmien impost minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li jagħmel dan fiż-żmien prefiss, tappunta u tinnomina kuraturi sabiex jagħmlu dan fl-assenza tiegħu:*

2. *Tiddikjara, Tillikwida u Tordna li ai termini tal-att ta' seprazzjoni personali l-intimat għandu jħallas l-ispejjeż hekk likwidati skont kif maqbul fl-artikolu 6 (viii);*

3. *Tikkundanna, Tillikwida u Tordna lilll-intimat responsabbli ta' danni li r-rikorrenti sofriet minħabba n-nuqqas ta' tħaris tal-obbligu tiegħu u li jħallas is-somma hekk likwidata,*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li min issa huwa inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Settembru, 2015 mill-konvenut **Carmel sive Charles Palmier** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li tgħid dan li ġej:

1. *Illi filwaqt li l-esponent jaqbel mal-ewwel tliet premessi tar-rikors ġuramentat kif intavolat mir-rikorrenti, ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u pretensjonijiet fil-paragrafi l-oħra, u dana stante illi huma inveritieri u infondati fil-fatt u fid-dritt, hekk kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża. L-esponent jirriżerva minn issa, id-dritt li jressaq xhieda in sostenn ta' dan;*

2. *Illi huwa minnu li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Joseph Debono datat 14 ta' April, 2014 (sic), bħalma huwa minnu li qablu li l-polza miżmuma mal-MSV Life fl-ammont ta' ċirka erbatax-il elf euro (€14,000) ser tiġi żbankata mhux iktar tard minn ġimgħa mid-data tal-istess att;*

3. *Illi madankollu r-rikorrenti hija skorretta u qed tipprova tqarraq b'din il-Qorti meta tgħid li l-esponent kien assuma u aċċetta li jħallas l-premia tal-insurance sal-14 ta' April, 2014, fil-kuntratt ta' separazzjoni. Effettivament klawsola 6(viii) tal-kuntratt imsemmi u anness mar-rikors ġuramentat tgħid hekk, "Il-konjuġi Palmier qed jaqblu illi l-arretrati sal-erbatax (14) ta' April tas-sena kurrenti u ċioè elfejn u erbatax (2014) ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma, iċ-ċens tal-art, il-liċenzja tal-pool, il-Home Loan u utilitajiet oħra, għandhom jitħallsu mill-komparenti raġel;" u fl-ebda mument ma jssemmi l-ħlas tal-premia tal-insurance mertu tal-kawża odjerna u għalhekk din kellha tkun a karigu taż-żewg partijiet fi kwoti indaqs bejniethom;*

4. *Illi effettivament tant l-esponent ried jonora l-obbligi kontrattwali tiegħu, li kif ben qalet ir-rikorrenti huwa mar magħha fl-uffiċini tal-MSV Life biex jittermina l-istess polza, ħaġa li sfortunatament m'okkorrietx wara li r-rikorrenti rrifjutat li tħallas sehemha mill-premia/penalitajiet minħabba l-iżbank prematur tal-istess polza; kien għalhekk li l-esponent sussegwentement ħareġ mill-istess uffiċini;*

5. *Illi tant mhuwa minnu xejn li l-esponent b'xi mod ried jaħrab mill-obbligi kontrattwali tiegħu, li huwa anke interpella uffiċjalment lir-rikorrenti biex tersaq għal-likwidazzjoni u żbankar tal-istess polza, permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 2843/2015 (Dok A);*

6. *Illi nonostante dan u mingħajr preġudizzju għall-istess, biex jevita iktar diżgwidi u proċeduri legali inutli, l-esponent kien anke ppreparat li jagħmel tajjeb għall-istess ħlasijiet pretiżi, u dan kif ser jirriżulta aħjar u ampjament fil-mori tal-kawża; madankollu*

*għal darb'oħra, ir-rikorrenti rrifjutat li tikkollabora miegħu u dan mingħajr l-ebda raġuni valida;*

7. *Illi għalhekk in-nuqqas tal-iżbankar u likwidazzjoni u t-telf tal-valur tal-polza inkwistjoni huwa attribwibbli unikament lir-rikorrenti u mhux lill-esponent u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq kollha esposti, l-esponenti jopponi għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti u dan a bażi tas-segwenti:*

1. *L-esponent ma jopponix għall-ewwel talba tar-rikorrenti u dan anke għaliex kif ser jirriżulta ampjament fil-mori tal-kawża huwa ilu jinterpella lill-istess rikorrenti biex tersaq għat-terminazzjoni tal-imsemmija polza u kienet hi li naqset milli tagħmel l-istess. L-esponent jitlob illi l-kuratur għandu jitqabbad ukoll għall-eventwali kontumaċja tar-rikorrenti nnifisha, fuq il-likwidazzjoni tal-istess;*

2. *L-esponent jopponi għat-tieni talba tar-rikorrenti u dan 'l għaliex kif joħroġ biċ-ċar mid-diċitura tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-esponent fl-ebda mument ma obbliga ruħu li jħallas waħdu għall-premia u ħlasijiet oħra in konnessjoni mal-Polza tal-Assigurazzjoni miżmuma mal-MSV Life u għalhekk din it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

3. *L-esponent jopponi għat-tielet talba tar-rikorrenti u dana stante li kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawża, mhux biss huwa dejjem onora l-obbligi kontrattwali kollha tal-kuntratt ta' separazzjoni, iżda kien proprju huwa li sofra*

*danni minħabba l-aġir irresponsabbli tar-rikorrenti u mhux vice versa;*

4. *Finalment l-esponent jopponi wkoll għall-ispejjeż tal-proċeduri odjerni;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kollha kontra r-rikorrenti li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Ġunju, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-kontendenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt tat-30 ta' April, 2014 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono.[1] F'dan il-kuntratt hemm stipulat hekk:

[1] Fol. 4.

*"6B – Mobbli*

*(v) Inoltre l-partijiet jaqblu li l-life insurance miżmuma mal-MSV Life fl-ammont ta' ċirka erbatax-il elf euro (€14,000) ser tiġi żbankata mhux iktar tard minn ġimgħa mid-data ta' dan l-att, u l-istess flejjes ser jintużaw mill-konjuġi Palmier sabiex tinqata' parti sostanzjali mil-loan li jeżisti fuq id-dar matrimonjali, liema huwa miżmum mal-HSBC plc – account No 14179023; u għal liema l-partijiet ser jibqgħu konġuntament responsabbli;*

*(vi) Illi stante illi l-partijiet qegħdin fuq dan l-att jaqblu li jiżbankaw il-polza miżmuma mal-MSV Life; huma preżenzjalment qegħdin jaqblu wkoll illi jagħmlu polza ta' assigurazzjoni oħra għas-spejjeż taż-żewġ partijiet sabiex tkopri l-loan miżmum mal-HSBC Bank plc fuq il-fond matrimonjali."*

Illi peress li dak li kellu jsir skont klawżola (v) ma sarx, il-*premia* tal-polza bdew jiġu mnaqqsa mit-tifdil ta' madwar €12,000 li sar fl-istess polza.

Illi skont l-attriċi għal dan jaħti l-konvenut li minkejja li marru flimkien fl-uffiċini tal-MSV Life, dan kien irrifjuta li jiffirma biex itemm il-polza.

Illi skont paragrafu 6(viii) tal-istess kuntratt:

*"Il-konjuġi Palmier qed jaqblu illi l-arretrati sal-14 ta' April, 2014 ta' kontijiet tad-dawl u ilma, iċ-ċens tal-art, il-liċenzja tal-pool, il-Home Loan u utilitajiet oħra għandhom jitħallsu mill-komparenti raġel".*

Illi minkejja din il-klawżola, il-*premium* tal-polza, li kienet marbuta mal-*Home Loan*, għall-perijodu sal-14 ta' April, 2014, inqatgħu wkoll minn sehem l-attriċi. Għalhekk l-attriċi qed titlob li l-konvenut iħallas l-ispejjeż skont klawżola 6(viii) u jħallas danni li sofriet minħabba li naqas li jikkanċella l-polza.

Illi l-konvenut, fir-Risposta Maħlufa tiegħu, wieġeb li (i) klawżola 6(viii) imkien ma ssemmi l-ħlas tal-*premia* tal-assikurazzjoni u għalhekk din kellha titħallas nofs bin-nofs u (ii) Il-konvenut ħareġ mill-uffiċini tal-MSV Life billi l-attriċi rrifjutat li tħallas sehemha mill-premia/penalitajiet minħabba l-iżbank prematur tal-polza, tant li interpellaha biex tersaq għall-iżbank tal-polza bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Awwissu, 2015.[2] Huwa kien saħansitra lest iħallas dak pretiż mill-attriċi iżda hija rrifjutat.

B'verbal tat-12 ta' Ottubru, 2015 u b'nota tas-16 ta' Ottubru, 2015 il-konvenut stqarr li jaċċetta li jiżbanka l-polza basta l-ammont tal-arretrati tal-*premia* u l-penalitajiet għall-iżbank prematur jiġi diviż indaqs bejn il-partijiet.

L-attriċi xehdet li l-ftehim kien li sal-14 ta' April 2014 iħallas il-*premia* r-raġel, wara l-14 ta' April, 2014 kellhom jinqasmu nofs bin-nofs.[3] Meta marru dakinhar tal-kuntratt stess għand MSV Life, u ġew infurmati li tas-sena 2013 kien hemm €990.65 *premia* u imgħax[4], ir-raġel ma riedx iħallas u telaq 'il barra. L-attriċi ċemplet lill-avukat tagħha Dr Mifsud Cutajar li kkuntattja lill-avukat tal-konvenut li kienet preżenti. Fix-xhieda tiegħu, il-konvenut stqarr li

[2] Fol. 33.
[3] Fol. 45.
[4] Fol. 52, u fol. 55 - xhieda ta' Matthew Vella.

dakinhar ried iħallas il-*premia* b'lura iżda hi ma riditx tħallas nofs il-penali ossia l-*exit fee*.[5] Asserzjoni miċħuda mill-attriċi.

Illi għalhekk din il-Qorti hija ffaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikalment opposti għal xulxin. Intqal b'awtorità li:

> "Ferma din l-esposizzjoni qasira tal-fatti l-aktar saljenti tal-każ, mhux inopportun li għal darb'oħra jiġi reġistrat b'ripetizzjoni illi 'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *in dubio pro reo* (**Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 24 ta' Novembru, 1966). Meta dan jiġri, kif issokta jingħad f'din l-istess sentenza, il-qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".[6]

Illi applikati dawn il-prinċipji tad-dritt probatorju għall-każ preżenti, il-Qorti tqis li l-verżjoni tal-attriċi hija iktar kredibbli billi (i) hija pproduċiet bħala xhud lil Matthew Vella, impjegat tal-MSV Life biex jixhed dwar il-konversazzjoni bejnha u bejn il-konvenut dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni meta l-kontendenti marru biex jikkanċellaw il-polza tal-assikurazzjoni. Imma fil-fatt dan ftit li xejn ftakar mill-konversazzjoni. B'danakollu, mhux verosimili li l-attriċi kienet tipproduċih bħala xhud tagħha jekk ma kinitx qiegħda tgħid il-verità; (ii) Matthew Vella, filwaqt li ma jiftakarx jekk il-konvenut kienx dispost li l-€990.65 arretrati jitnaqqsu minn sehemu u

[5] Fol. 46.
[6] **David Debono vs. Emanuel Grogan –** 27.03.2009 QA(PS).

ma ftakarx jekk il-konvenut qabadx u telaq 'il barra għax ma ftiehmux hu u martu, stqarr li "ma ftehmniex fuq il-persentaġġi kif ħa tinqasam il-polza. Il-maġġor parti tal-każijiet tinqasam nofs bin-nofs il-polza u dakinhar ma qbilniex li tinqasam nofs bin-nofs. Kien hemm il-bilanċi b'lura li ma qbilniex fuqhom. Issuġġerejt li s-sinjuri jkellmu lill-avukati tagħhom, jiddeċiedu fuq persentaġġ u jerġgħu jiġu għandna bil-karta ffirmata". Iktar importanti minn hekk, Matthew Vella xehed li "Il-problema li nqalgħet mhux fuq l-*exit fee* imma fuq l-*outstanding balance*"; (iii) l-attriċi xehdet li dak il-ħin ċemplet lil-avukat tagħha u li dan ċempel lill-avukatessa tal-konvenut. Il-konvenut jiċħad dan, anke permezz ta' verbal tal-Avukat Sharon Mizzi li kienet qed tiddefendih f'din il-kawża. Għal dan l-attriċi rribattiet bil-ġurament li l-avukat ma kinitx l-istess avukat li ppatroċinat lill-konvenut f'din il-kawża, imma "l-avukata l-oħra"[7], u ċjoè l-Avukat Rodianne Sciberras li jsimha huwa mniżżel bħala avukat patroċinanti l-konvenut fir-Risposta Maħlufa flimkien mal-Avukat Sharon Mizzi. Huwa sinifikanti għall-Qorti li l-konvenut ma pproduċiex lill-Avukat Sciberras biex tikkontradiċi lill-attriċi. Li l-attriċi ċemplet lill-avukat huwa iktar verosimili fid-dawl tal-istedina ta' Mattew Vella biex il-konjuġi Palmier jikkonsultaw lill-avukati tagħhom; (iv) il-konvenut, il-*premium* tal-2013 baqa' ma ħallasux[8] minkejja li jiċħad li ma riedx iħallas dan il-*premium* u minkejja li ma kien hemm xejn xi jxekklu milli jagħmel dan; (v) il-konvenut jiċċita korrispondenza li permezz tagħha huwa stieden lill-attriċi biex il-kwistjoni tissolva bonarjament. Din il-korrispondenza iżda ntbagħtet wara li nfetħet il-kawża u di più imkien m'hemm indikat fiha li kien qed joffri li jħallas l-arretrati

[7] Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2016.
[8] Fol. 65.

u lanqas li hija kienet qed tirrifjuta li taqsam il-ħlas tal-penali nofs bin-nofs talli l-polza ssarrfet qabel iż-żmien.

Illi għalhekk it-tnaqqis tas-*surrender value* tal-polza wara d-data tal-kuntratt tas-separazzjoni minħabba l-addebitar tal-*premia* mhux imħallsa m'għandhiex tbatih l-attriċi.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u tilqa' t-talbiet tal-attriċi billi:**

**(i) tikkundanna lill-konvenut iħallas €990.65 arretrati tal-*premia* tal-polza tal-MSV Life plc numru 24290 dovuti sal-14 ta' April, 2014 u kull imgħax dovut fuq l-istess arretrati tal-*premia*;**

**(ii) tiddikjara sehem l-attriċi mill-polza huwa dak li kien dakinhar tal-kuntratt ta' separazzjoni personali li sar bejn il-kontendenti fit-30 ta' April, 2014 u ċjoè €14,430, li minnhom wara li jitnaqqsu 10.5% *exit fee*, l-attriċi li għandha dritt għal nofshom, ċjoè s-somma ta' €6,457.43;**

**(iii) tordna lill-konvenut biex in ottemperanza tat-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti tat-30 ta' April, 2014 jittermina l-polza tal-MSV Life plc numru 24290 fi żmien għoxrin jum mid-data ta' din is-**

**sentenza u jekk jonqos milli jagħmel dan fiż-żmien lilu prefiss, taħtar lill-Avukat Renzo Porsella Flores bħala kuratur biex jagħmel dan fl-assenza tal-konvenut.**

**Spejjeż a kariku tal-konvenut.**

Moqrija.